MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 88/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi huwa zzewweg lill-intimata CB nhar l-erbgha (4) ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u sebgha u disghin (1997) – Certifikat taz-zwieg hawn annessa u mmarkat (Dokument 'A');

Illi l-partijiet kienu xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti ta' bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali ppublikat fit-tnax (12) ta' Awissu tas-sena elfejn u tlettax (2013) minn Nutar Jean Carl Debono skond kopja hawn annesa u mmarkata Dokument 'B';

Illi minn dan iz-zwieg kellhom tliet ulied;

Illi l-possibilita' ta' rikonciljazzjoni tar-rikorrenti ma martu hija impossibbli ghal bosta ragunijiet fosthom li huma ilhom de facto separati ghal dawn l-ahhar erba' (4) snin;

Illi fl-istess kuntratt ta' separazzjoni personali r-rikorrent obbliga ruhu li jhallas is-somma ta' erba' mitt euro (Euro 400) fix-xahar ghall-manteniment ghal uliedu u l-esponenti u l-intimata kienu iddekadew mid-dritt li jitolbu il-manteniment lil xulxin skont il-kuntratt ta' separazzjoni personali surreferit;

Illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal erba' (4) snin, b'mod li r-rekwiziti tal-Artiklu 66 (B)(a) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) huma sodisfatti, stante li ilhom separati 'de facto' mill-2010 jigifieri tal-anqas erba (4) snin u ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ghalhekk jezistu il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghax-xoljiment taz-zwieg u sabiex jigi pronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet;

Talab sabiex li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tiddikjara li z-zwieg tieghu ma Graziella Gauci huwa mahlul u li ghal dan il-ghan tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet u ghal kull fini u effetti kollha tal-ligi tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien stabbilit minnu, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex b'hekk l-istess divorzju ikun jisa' jigi registrat fir-Registru Pubbliku permezz ta' annotazzjoni relattiva fic-certifikat taz-zwieg hawn anness bhala Dokument 'A';

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta' April, 2014;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-12 ta' Awissu 2013, izda ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------